MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 232/2009

**Inflation Media Productions Limited**
**(C - 31967)**

**vs**

**Mr. Handyman Limited**
**(C - 32519)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, erba' mija u tlieta u sebghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€2,473.79) dovuti ghal servizzi ta' reklamar maghmula mill-istess socjeta' attrici ghas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes u l-imghax mid-data tal-prezentata tal-prezenti, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali ta' Frar, 2008.

Ra li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata, izda ma pprezentat l-ebda risposta.

Ra x-xhieda ta' Dr. Charmaine Zammit in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2010 ikkonfermat li l-ammont ta' elfejn, erba' mija u tlieta u sebghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€2,473.79) kien ghadu dovut u li s-socjeta' konvenuta ma kienitx ghamlet pagamenti.

<u>Ikkunsidra</u>

Is-socjeta' attrici pprezentat kawza fejn talbet il-kundanna tas-socjeta' konvenuta bhala debitrici taghha u minkejja li l-istess socjeta' konvenuta kellha kull opportunita' sabix tikkontesta din it-talba, dan m'ghamlitux u ghalhekk, l-unika prova konkreta li ghandu quddiemu dan it-Tribunal huwa li l-ammont ta' elfejn, erba' mija u tlieta u sebghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€2,473.79) kien ghadu dovut u s-socjeta' konvenuta ma kienitx ghamlet pagamenti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, erba' mija u tlieta u sebghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€2,473.79), somma rapprezentanti xoghol ta' reklamar maghmula mill-istess socjeta' attrici ghas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes u l-imghax, kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------